11 ta' Marzu, 1950

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

John Said et. *versus* Carmelo Vassallo

**Intervent fil-Kawża — Kjamata fil-Kawża — Art. 959 tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili.**

*L-intervent fil-kawża huwa mogħti lil kull persuna li turi għas-sodisfazzjon tal-Qorti li għandha nteress f'kawża li tkun miexja bejn ħaddieħor.*

*Dan ifisser li dan l-intervent jista' jitolbu biss min ikun barrani għall-kawża, jiġifieri t-terzi persuni, jew aħjar kwalunkwe persuna li tkun materjalment estranea għall-ġudizzju pendenti bejn ħaddieħor. U għalhekk, min ikun parti f'ġudizzju ma jistax jiġi ammess biex jintervjeni fl-istess ġudizzju, avvolja jkun irid jintervjeni fi kwalità diversa minn dik li fiha huwa jkun ġà parti fil-kawża.*

*Lanqas tista' tingħata l-kjamata fil-kawża f'każ simili; għax l-opinjoni prevalenti hija illi l-kjamata fil-kawża tista' ssir biss meta min għamel il-kawża ma kienx jaf mill-bidu li kien hemm interessata fil-kawża dik il-persuna li wara huwa jitlob is-sejħa tagħha fil-kawża. Jekk imbagħad il-persuna li tagħha tintalab is-sejħa fil-kawża hija ġà attriċi fl-istess kawża fi kwalità oħra, ikun hemm l-ostakolu l-ieħor konsistenti filli dik il-persuna tkun attriċi fi kwalità u konvenuta fl-istess ġudizzju fi kwalità oħra; u dana mhabba illi l-imsejjaħ fil-kawża huwa kunsidrat bħala konvenut.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni u provvediment opportun, billi Publio Said kien għamel "claim" fil-War Damage Commission rigward il-ħsarat li kien hemm fil-post nru. 98 Gunlayer Street, Floriana, post li huwa okkupat minn Carmelo Vassallo; billi Publio Said ta awtorizzazzjoni lil Carmelo Vassallo biex jirranġa dawn il-ħsarat u jirranġa huwa mal-War Damage Commission, awtorizzazzjoni li l-konvenut aċċetta; billi l-istess Vassallo rranġa xi ħsarat li kienu jeżistu fl-imsemmi post, imma ma rriparax il-ħsarat kollha, u mingħajr ma qal lil Publio Said jew lill-eredi tiegħu għamel "final settlement" mal-War Damage Commission f'Marzu 1947, bi preġudizzju ta' Publio Said u ta' l-eredi tiegħu, kif jiġi, okkorrendo, pruvat ma' tul it-trattazzjoni tal-kawża; billi ġie konstatat illi dan il-fond għad għandu

ħsarat kawżati mill-gwerra illi Vassallo ma għamelx, non ostanti li għamel il-"final *settlement*" kif fuq intqal—ħsarat ta' ammonti rilevanti; billi, meta l-attur Joim Said kiteb fuq dawn il-ħsarat, ġie lilu riferit b'ittra tat-13 ta' Lulju 1949 (dok. A) illi mħabba l-"final settlement" *li għamel il-konvenut*, dan il-"claim" ma jistax jerġa' *jinfetaħ*; talbu illi l-konvenut jiġi ritenut *responsabili* għad-danni li sofrew jew jistgħu jsofru l-atturi billi ma tistax tinfetaħ il-"claim" fuq l-imsemmi post imħabba l-"final settlement" *fuq imsemmi magħmul* mill-konvenut, danni li jiġu likwidati f'dan il-ġudizzju jew ieħor separat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut issolleva *żewġ eċċezzjonijiet* preliminari; jiġifieri (1) illi Mary armla Sa'd ma tistax tidħer f'din il-kawża bħala tutriċi ta' binha li għadu minuri, għax għadha ma ġietx nominata f'dik il-kwalità *mis-Sekond'Awla* ta' din il-Qorti, u (2) illi l-istess Mary armla Said kien imissha dehret fil-kawża ma' l-atturi f'isimha proprju, għaliex hija komproprjetarja tal-fond fil-kwistjoni, u mingħajrha ma jidħrux bħala atturi l-*komproprjetarji kollha tal-fond in kwistjoni;*

*Omissis;*

Ikkunsidrat dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Illi huwa ammess illi Mary armla Said *għad ma* ġietx nominata tutriċi tat-tifel minuri tagħha Francis Said, u għalhekk l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut hija bażata. Hija talbet li tiġi nominata kuratriċi "ad litem" ta' dak it-tifel, u l-konvenut ma għamelx oppożizzjoni *għal dik it-talba; u* din il-Qorti ma ssib li hemm xejn biex l-istess talba ma tiġix milqugħa;

Ikkunsidrat dwar it-tieni eċċezzjoni;

Illi l-istess Mary Said *tammetti* wkoll li hija kienet akkwistat *fl-attijiet* imsemmijin fin-noti ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut parti mill-fond in kwistjoni........... Hija għalhekk *tammetti li kien imissha tidher fil-kawża f'isimha* proprju, bħala komproprjetarja tal-*fond* in kwistjoni; u aski hawn, għalhekk, l-eċċezzjoni tal-konvenut tidher bażata. Mary Said titlob li tiġi awtorizzata tassumi f'isimha proprju l-attijiet ta' din il-kawża bħala *attriċi flimkien ma' l-atturi l-oħra, u in kwa*lunkwe każ l-atturi talbu li hija tiġi msejħa fil-kawża;

Ikkunsidra;

Illi l-istitut ta' l-intervent fil-kawża (art. 959 Kap. 15) huwa mogħti lil "kull min" juri b'soddisfazzjon tal-Qorti li għandu nteress f'kawża li tkun miexja "bejn partijiet oħra". Dan ifisser li dan l-intervent jista' jitolbu biss min ikun barrani fil-kawża, jiġifieri t-"terzo", jew aħjar kwalunkwe persuna materjalment estranea għall-ġudizzju pendenti bejn ħadd ieħor (App. 23 ta' Novembru 1898, "Stepton vs. Spiteri", Vol. XVI—I—117). Issa huwa ċar li Mary Said mhijiex estranea jew "terzo" f'din il-kawża; u ma jittrattax minn ġudizzju istitwit minn barrani għaliha u li hija tidħol fih. Infatti jittratta, kif osserva l-konvenut, minn persuna li istitwiet hija stess, għal li mhux f'isimha stess, l-istess ġudizzju li trid tidħol fih. Konsegwentement, f'dan ir-rigward Mary armla Said, ma tistax tiġi awtorizzata li tintervjeni fil-kawża. Del resto, huwa fatt li hija qatt ma tista' tiġi awtorizzata tassumi l-atti tal-kawża bħala attriċi; għaliex, f'każ li ġiet ammessa tintervjeni "in statu et terminis", il-pożizzjoni tagħha kienet tkun sempliċement dik ta' "interessata", u mhux ta' "kontendenti", u għalhekk la ta' attriċi u lanqas ta' konvenuta (App. 19 ta' April 1943. Mifsud vs. Morana, Vol. XXXI—I—321);

Illi l-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna ma hix konkordi fuq il-punt jekk il-kjamata fil-kawża tistax issir ukoll meta min jagħmel it-talba għal dik is-sejħa jkun jaf mill-bidu li t-"terza persuna" hija nteressata; imma l-opinjoni prevalenti hija li f'każ bħal dan is-sejħa fil-kawża ma tistax issir (App. 14 ta' Jannar 1938, Vol. XXX—I—1). Din il-Qorti, kif presjeduta, taqbel ma' din l-aħħar opinjoni. Issa, bħal ma ġà ngħad, l-atturi kienu jafu mill-bidu illi Mary Said kienet interessata f'dan il-ġudizzju bħala komproprjetarja fil-fond fil-kwistjoni, u konsegwentement hija ma tistax tiġi msejħa fil-kawża;

Din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawża "Borg vs. Delia" deċiża fit-8 ta' Frar 1936 (Vol. XXIX—II—970), irriteniet illi l-kjamata fil-kawża hija ammissibili avvolja l-interess tal-persuna li għandha tiġi msejħa fil-kawża kien jeżisti millbidu, jekk il-konvenut in'zjali, għalkemm mhux l-uniku interessat, kien anki huwa nteressat fil-kawża. Din is-sentenza tidher "prima facie" favur it-teżi ta' l-atturi, imma fil-fatt m'hijiex. Infatti huwa risaput illi l-imsejjaħ fil-kawża għandu

l-kwalifika tal-konvenut, u tuhux dik ta' attur (P.A. 1 ta' Ottubru 1935 "Bugeja vs. Pace" Vol. XXIX—II—639), u jkun wisk anomalu li l-atturi, fosthom Mary Said, li tidher fil-kawża bħala attriċi, tutriċi ta' binha minuri, u li issa talbet innomina tagħha ta' attriċi bħala kuratriċi "ad litem" ta' l-istess tifel tagħha minuri, jitolbu s-sejħa fil-kawża ta' l-istess Mary Said, u dan tkun għalhekk attriċi u konvenuta fl-istess ġudizzju — attriċi bħala kuratriċi "ad litem" ta' binha u konvenuta f'isimha propriju — mima fiż-żewġ kwalitajiet dejjem bħala komproprjetarja tal-fond fil-kwistjoni. Barra minn dan, jeħtieġ ukoll dejjem li l-imsejjaħ fil-kawża jkun "terzo", jiġifieri barrani għall-kontendenti f'kawża ġà pendenti bejniethom. U ma jista' qatt jingħad li Mary Said, għall-finijiet ta' dil-kawża, meta ppromoviethha hija stess, għalkemm fi kwalità diversa minn dik f'isimha propriju, hija "terzo";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevati mill-konvenuti, u tipprovdi fuq it-talbiet ta' l-atturi, magħmulin fir-rikors tas-7 ta' Frar 1950, billi tilqa' l-ewwel talba għan-nomina ta' Mary armla minn Publio Said bħala kuratriċi "ad litem" tat-tifel tagħha Francis Said f'din il-kawża; u tiċħad it-talbiet l-oħra kontenuti fl-istess rikors. L-ispejjeż iħallsuhom l-atturi.

---